# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**It-Tielet Sena** **STORJA** **Ħin: Siegħa u Nofs**

**Isem:** ____________________________________________ **Klassi:** ________________

### TAQSIMA 1 - IL-WIRT STORIKU TA' ŻMIEN IL-KAVALLIERI

**1. Għaqqad Kolonna A ma' Kolonna B billi tikteb numri minn 1 sa 10 fil-kaxxi l-vojta.**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Wara l-Assedju l-Kbir | | iservi ta' kenn għad-dgħajjes f'Marsamxett. |
| 2. | Il-Papa u r-re ta' Spanja | | iċ-ċentru amministrattiv, kummerċjali u kulturali. |
| 3. | Franġisku Laparelli kien il-perit li għamel | | iżżejnet bil-pittura u l-iskultura minn Caravaggio u Mattia Preti. |
| 4. | Ġlormu Cassar kien il-perit Malti li bena | | għenu lill-Kavallieri jibnu l-Belt Valletta. |
| 5. | L-ewwel bini li beda tiela fil-Belt Valletta | | seba' bereġ għall-Kavallieri skond il-lingwa tagħhom. |
| 6. | Il-Gran Mastru La Cassière ħallas minn flusu | | ħafna mill-bini tal-Kavallieri fil-Belt Valletta. |
| 7. | Għall-ewwel kien maħsub li l-Mandraġġ | | il-Kavallieri ħassew il-bżonn li jibnu belt ġdida. |
| 8. | Fis-seklu 17 u 18 il-Belt Valletta saret | | il-pjanta tal-Belt il-Ġdida fuq l-Għolja Xiberras. |
| 9. | Sa l-1590 l-Ordni kien bena | | kienu s-swar fortifikazzjonijiet oħra. |
| 10. | Il-Knisja Konventwali ta' San Ġwann | | biex bdiet tinbena l-Knisja Konventwali ta' San Ġwann. |

**(10 x 1 = 10 marki)**

**2. Wieġeb għal dawn il-mistoqsijiet.**



2.1 Il-Birgu u l-Isla kienu żewġt ibliet antiki fortifikati (mdawra bis-swar) mill-Kavallieri ta' San Ġwann. Semmi żewġt ibliet oħra fl-inħawi tal-Port il-Kbir li kienu ffortifikati mill-Kavallieri.

__________________________________

__________________________________ (2)

2.2 Il-mappa turi l-peniżola tal-Birgu. B'liema isem ieħor kien magħruf il-Birgu fi żmien il-Kavallieri?

__________________________________________________________________ (1)

2.3 X'fortizza importanti kienet inbniet f'tarf din il-belt? ________________________ (1)

2.4 Għaliex il-Birgu kien importanti fl-ekonomija ta' Malta fi Żmien il-Kavallieri?

________________________________________________________________________ (2)

2.5 Liema minn dawn il-postijiet ta' żmien il-Kavallieri wieħed għadu jista' jarahom fil-Birgu? Agħmel sing taħt l-**erbgħa** t-tajbin.

(a) il-Palazz ta' l-Inkwiżitur
(b) il-Knisja ta' San Lawrenz
(ċ) Forti Sant' Anġlu
(d) Il-Palazz Verdala
(e) Il-Kulleġġ tal-Ġiżwiti
(f) Forti San Mikiel
(g) il-Berġa ta' l-Ingilterra

(4)

**(Total = 10 marki)**

**3. Ifli sewwa dan is-sors u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwaru.**




Il-Kavallieri bnew diversi fortifikazzjonijiet fil-Portijiet ewlenin u madwar il-kosta tal-Gżejjer Maltin.

3.1 Għaliex huma għamlu dan? ________________________________________ (2)

3.2 Min kien l-għadu ewlieni tal-Kavallieri? ________________________________ (1)

3.3 Semmi eżempji (mill-mappa) ta':

(a) Fortizza fil-Port il-Kbir: ________________________________________ (1)

(b) Fortizza fil-Port ta' Marsamxett: ________________________________ (1)

3.4 Għaliex il-Kavallieri ħadu ħsieb jibnu fortizzi u torrijiet mal-kosta ta' Malta u Għawdex?

________________________________________________________________________ (2)

3.5 Liema minn dawn il-Gran Mastri bena diversi torrijiet biex iħarsu l-bajjiet u x-xtut tal-gżejjer? Agħmel sing taħt it-tajjeb.

*La Valette, de Redin, Pinto, de Rohan.* (1)

**(Total = 8 marki)**

## TAQSIMA 2 - IL-ĦAJJA EKONOMIKA U SOĊJALI FI ŻMIEN IL-KAVALLIERI

**4. Imla l-vojt bil-kliem mogħti f'din it-tabella hawn taħt:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| l-Inkwiżitur | tas-sibi | Is-Sacra Infermerija | l-Imnarja |
| għat-tarzna | tal-bini | l-qoton | f'Università |

4.1 Il-Kavallieri kienu li taw bidu ________________ fid-daħla ta' bejn il-Birgu u l-Isla.

4.2 L-industrija ________________ kompliet tikber tant li l-Gran Mastri kienu jieħdu 10% tal-qligħ minnha.

4.3 Bosta Maltin sabu xogħol ma' l-Ordni fl-industrija ________________, meta tellgħu knejjes, palazzi u fortifikazzjonijiet.

4.4 Il-bdiewa Maltin komplew ikabbru ______________ u jesportawh l-aktar fi Spanja.

4.5 Il-Ġiżwiti kienu fetħu kulleġġ li mbagħad kien inbidel ________________ ta' studji mill-Gran Mastru Pinto fl-1769.

4.6 ________________________ kienet meqjusa bħala l-akbar u l-aqwa sptar fil-Mediterran għal dak iż-żmien.

4.7 L-akbar okkażjonijiet ta' xalar u divertiment mill-Maltin u l-Kavallieri kienu ____________ u l-Karnival.

4.8 Id-dmir ta' ________________ kien li jgħasses kontra s-superstizzjonijiet u t-tagħlim qarrieqi.

**(8 x 1 = 8 marki)**

**5. Wieġeb għal dawn il-mistoqsijiet.**

5.1 X'kien il-Monti tal-Pietà?

______________________________________________________________________

5.2 (a) X'għamlu l-Kavallieri biex wasslu l-ilma fil-Belt Valletta?

______________________________________________________________________

5.2 (b) X'effett ħalla dan il-proġett fuq il-ħajja ta' kuljum tan-nies tal-Belt?

______________________________________________________________________

5.3 X'tip ta' xogħlijiet kienu jagħmlu l-Maltin fuq ix-xwieni ta' l-Ordni? Semmi tnejn.

______________________________________________________________________

5.4 Għaliex fi żmien il-Kavallieri ħafna Maltin għażlu li jmorru joqogħdu fl-ibliet ta' madwar il-Port il-Kbir?

______________________________________________________________________

5.5 X'kien għamel lill-Imdina l-Gran Mastru de Vilhena?

______________________________________________________________________

**(6 x 2 = 12-il marka)**

**TAQSIMA 3 - ĦAKMA U GVERN FI ŻMIEN IL-KAVALLIERI**

**6. Qabbel dawn il-postijiet ma' l-użu li kellhom fi Żmien il-Kavallieri billi tikteb numri minn 1 sa 6 fil-kaxxi l-vojta.**

| | **Isem tal-Post** | | **Kif kien użat fi Żmien il-Kavallieri** |
|---|---|---|---|
| 1. | Is-Sacra Infermerija | | l-isptar fir-Rabat għall-Maltin ta' l-irħula. |
| 2. | Il-Berġa ta' Kastilja | | residenza tal-Gran Mastru fis-sajf. |
| 3. | Il-Kastell Verdala | | inbena fuq stil Barokk mill-Gran Mastru Vilhena. |
| 4. | Il-Teatru Manoel | | l-isptar ewlieni ta' l-Ordni. |
| 5. | Il-Kastellanija | | kienet riżervata għall-Kavallieri Spanjoli u Portugiżi. |
| 6. | Santu Spirtu | | il-qorti tal-ġustizzja fil-Belt Valletta. |

**(6 x 1 = 6 marki)**

**7. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet skond kif meħtieġ.**

7.1 Fi żmien il-Kavallieri l-____________________ kien qisu s-Sultan ta' Malta. (1)

7.2 Dan kien imexxi lil Malta mill-palazz li kellu fil-_________________. (1)

7.3 Biex jgħinu fit-tmexxija hu ġieli kien ilaqqa' *(il-Parlament, il-Kostituzzjoni, il-Kabinett, il-Gran Kunsill).* (1)

7.4 Il-Gran Mastru Pinto kien dak li waqqaf (*l-Università, l-iskola primarja, l-iskola sekondarja*). (1)

7.5 Ta' spiss il-Gran Mastru kien ikollu xi jgħid ma' **tnejn** minn dawn. Agħmel sing taħt it-tnejn it-tajbin.
(*il-Papa, l-Isqof, l-Inkwiżitur, ir-re ta' Spanja, in-nobbli Maltin*). (2)

**(Total = 6 marki)**

**8. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi u wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**

8.1 Is-sorsi juru Ġeneral u Gran Mastru li t-tnejn kellhom x'jaqsmu ma' Malta fl-1798. Għid min kienu.





Sors A: Il-Gran Mastru ______________ Sors B: Il-Ġeneral _____________ (2)

8.2 Liema ġrajja importanti fl-istorja ta' Malta kienet seħħet f'Ġunju ta' dik is-sena?

_____________________________________________________________________ (2)

8.3 Semmi żewġ bidliet jew riformi li daħħal f'Malta l-Ġeneral li jidher f'Sors B.

_____________________________________________________________________ (2)

_____________________________________________________________________ (2)

8.4 Min beda jmexxi l-gżejjer Maltin wara l-5 ta' Settembru 1800?

_____________________________________________________________________ (2)

**(Total = 10 marki)**

## TAQSIMA 4 – L-ISFOND TA' L-ISTORJA EWROPEA

9.1 Semmi żewġ raġunijiet għala l-poplu Franċiż irvella kontra r-re fl-1789?

_____________________________________________________________________ (2)

_____________________________________________________________________ (2)

9.2 Meta l-poplu qam kontra r-re, ħa f'idejh il-Bastilja. Il-Bastilja kienet (*palazz, ħabs, parlament, sptar*). (1)

9.3 Id-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet u d-Dmirijiet kienet ħarġet (*mir-re, mill-Assemblea Nazzjonali, minn Napuljun).* (1)

9.4 Ir-re Lwiġi XVI (kien eżiljat, kien inqatel, kien irriżenja) waqt ir-Rivoluzzjoni Franċiża. (1)

9.5 Ir-Rivoluzzjoni Franċiża ġabet magħha:
(a) paċi fl-Ewropa (b) gwerer fl-Ewropa (ċ) kummerċ kbir fl-Ewropa (1)

9.6 Semmi bidla li saret mir-Rivoluzzjoni Franċiża li minnha gawda l-poplu komuni.

_____________________________________________________________________ (2)

**(Total = 10 marki)**

## TAQSIMA 5 - KITBA FIT-TUL

**10. Ikteb paragrafu ta' madwar 50 kelma fuq TNEJN minn dawn it-temi.**

10.1 Id-difiża ta' Malta mill-Kavallieri ta' San Ġwann.

10.2 Il-Kon-Katidral ta' San Ġwann bħala l-aqwa wirt tal-Kavallieri f'Malta.

10.3 L-Imdina restawrata wara l-ħerba li ħalla t-terremot ta' l-1693.

10.4 Kif kienet taħdem l-industrija tas-sibi fi żmien il-Kavallieri.

10.5 L-effetti tar-Rivoluzzjoni Franċiża fuq il-Kavallieri u l-Maltin.

**(10 x 2 = 20 marka)**

Paragrafu 1

Paragrafu 2